# Il-PJAN TAL-LEZZJONI 3.10

**Kap 3: Il-qalb tajba**

**Lezzjoni 3.10: Għaliex Ġesù ġie fid-dinja.**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jifhmu għaliex Alla l-Missier bagħat lil Ġesù fid-dinja.
2. Jitgħallmu li Ġesù ġie fid-dinja biex juri lin-nies li Hu kien l-Iben ta' Alla l-Missier.



**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Powerpoint Ġesù
- Kanzunetta li turi l-kobor ta' Alla

http://www.authorstream.com/Presentation/aSGuest108876-1136939-how-great-is-our-god/

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Staqsi lit-tfal (dawk li għandhom kuntatt tajjeb mal-missier) x'jismu missierhom. Wara tistaqsihom biex jgħidu xi ħaġa dwar missierhom.
- Staqsi: 'Min kien jieħu ħsieb Ġesù fid-dinja?' Jekk xi tfal jgħid Ġużeppi, spjega li dan kien il-missier li jieħu ħsieb Ġesù fid-dinja għax il-Missier ta' Ġesù kien Alla. **It-tfal għadhom żgħar biex jifhmu d-distinzjoni bejn Ġesù u Alla l-Missier u għalhekk kemm issemmiha biss.**



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Spjega, permezz tal-powerpoint, kif wara li Alla ħalaq id-dinja u l-bniedem kollox kien tajjeb iżda meta l-bniedem għamel id-dnub Alla sar imdejjaq. Alla kien jagħżel xi nies tajba biex imorru jgħallmu fuqu lin-nies iżda xorta l-bniedem baqa' ma fehemx xi jrid minnu Alla. Għalhekk Alla ddeċieda li jibgħat lil ibnu stess.
2. Spjega kif l-ewwel għażel tfajla li kellha tkun omm ibnu, Marija, taha bħala żewġha lil Ġużeppi, u qallu biex jeħodlu ħsieb ibnu fid-dinja u hekk twieled Ġesù.
3. Fiehem li f'ħajtu Ġesù **għallem lin-nies fuq Alla**, uriehom li Alla mhux kattiv iżda jħobbna u lest biex jaħfrilna meta aħna jiddispjaċina minn dnubietna.



4. Ġesù wera wkoll kemm **Alla hu qawwi** permezz tal-mirakli li għamel, li kienu mirakli ta' fejqan, ta' nies li jqumu mill-mewt u ħafna oħrajn differenti.
5. Fiehem li permezz tal-mewt tiegħu Ġesù wera li **Alla tant kien iħobbna** li tagħna lil ibnu stess biex imut għalina.
6. Fl-aħħar **Alla tant hu qawwi** li qajjem lit-tifel tiegħu mill-mewt għaliex peress li kien speċjali ma kienx se jħalli lit-tifel tiegħu jispiċċa ġo qabar bħan-nies l-oħra.
7. Spiċċa bis-song *How Great is Our God*, fejn turi l-kobor ta' Alla.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja biex kulħadd ikun jista' jmur il-ġenna.
2. Ġesù dejjem obda lil Alla Missieru billi dejjem għamel dak li kien hemm bżonn.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal japprezzaw li Alla jħobbhom ħafna.
- It-tfal juru li huma wkoll kapaċi jħobbu lil xulxin, għax Alla lilhom iħobbhom ħafna.



**Nitolbu**

Mulej Alla,

grazzi talli tajtna lil ibnek Ġesù biex

jgħallimna fuqek  u jurina kemm inti kbir.

